**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 819/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Keith Caruana Darmanin)**
**-Vs-**
**MARTHESE SCIBERRAS**

**Illum, 24 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **MARTHESE SCIBERRAS** ta' 46 sena, bint Paul u Maria Stella Cassar nee' Filletti, imwielda nhar it-18 ta' Dicembru 1976, residenti 88, Kensington Apt, FLt 1, Triq il-Munxar, Marsascala li tressqet quddiemha akkużata talli bejn Awwissu 2021 u Settembru 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk imwettqin fi żminijiet differenti u li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor

depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti ffalsifikati msemmijin;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli, ghamilt jew tajt dkjarazzjoni falza jew certifikat falz

6. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt tagħrif falz ;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

   Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġ l-pieni stabbiliti mill-liġi, tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-liġjiet ta' Malta.

   Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, bagħat lill-imputata biex tiġi aġġudikata taħt l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 185 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar 2025 tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;,

Semgħet ix-xhieda tal-espert ġudizzjarju Dr. Anthony Galea Debono u rat ir-relazzjoni tiegħu Dok. AGD1;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bħala sfond jidher li l-akkużi fil-konfront tal-imputata, Marthese Sciberras, nibtu minn investigazzjoni estensiva li kienet qed titwettaq mill-Pulizija fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ħlas ta' assistenza soċjali għal diżabilita' severa li kienu ġew approvati mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjal abbażi ta' ċertifikati mediċi allegatament falsifikati. L-imputata, Marthese Sciberras, kienet waħda mill-persuni li kienet applikat biex tirċievi din l-assistenza.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta li kienu ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet f'isem l-imputata għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa. L-ewwel applikazzjoni tagħha ġiet sottomessa fit-2 ta' April 2020[1], iffirmat minn Dr.

[1] Paġna 54, parti minn Dok. MB2.

Franco Camilleri[2] li ddikjara li l-applikant tbati minn żewġ kundizzjonijiet, waħda minnhom fibromyalgia. Madankollu, ebda mill-kundizzjonijiet indikati fl-applikazzjoni ma kienu fost dawk li l-liġi tas-Sigurta' Soċjali tqis bħala diżabilita' severa[3], u fil-parti tal-applikazzjoni intitolat 'Specialis's Report', ġie espressament immarkat il-kaxxa: "*Does not have any condition mentioned above.*" Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda fit-18 ta' Mejju 2020 skont kif jirriżulta minn korrispondenza fil-file (Dok. MB2), abbażi ta' dikjarazzjoni ffirmat mid-Direttur u d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment fit-12 ta' Mejju 2020[4].

It-tieni applikazzjoni ġiet sottomessa fiżikament fl-uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fit-18 ta' Ġunju 2021, flimkien ma' sett ta' *statements* bankarji u ċertifikat li jġib id-data tad-9 ta' April 2021, liema ċertifikat jidher li huwa ffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi u Dr. Norbert Vella u fih jingħad hekk: "*The patient is being followed up at Neurology outpatients in view of multiple vertiginous headaches and unsteadiness referred by her rheumatologist. They have also noted dilatation of her ventricular system associated with hydrocephalus. She is otherwise currently independent in activities of daily life but needs constant support and supervision.*"

F'din l-applikazzjoni, fil-parti intitolata *Rapport ta' Speċjalista ta' Diżabilita' Severa (Applikazzjoni għal Assistenza għal Diżabilita' Severa)*', ġie mmarkat il-kundizzjoni ta' hydrocephalus, filwaqt li fis-sezzjoni tal-applikazzjoni intestata '*Informazzjoni Addizzjonali / Kundizzjoni oħra hawn fuq mhux imsemmija jew informazzjoni ulterjuri dwar il-kundizzjoni mmarkata*', hemm miktub bl-idejn: "*Last MRI showed hydrocephalus associated with aqueductal stenonis. Inflammatory lesion of the R temporal lobe. Patient seen by Neurologist Dr. Joseanne Aquilina. She has headaches and an unsteady gait.*" Din il-parti mill-applikazzjoni jidher li mtliet u ġiet

[2] Ara l-applikazzjoni f'paġna 62 u paġna 63 tal-atti, parti minn Dok. MB2. Firma bid-data tal-20 ta' Ġunju 2019.

[3] Kap. 318, l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali. Ara xhieda ta' Martin Buhaġiar, 28 ta' Novembru 2023.

[4] Ara paġna 59 u paġna 69 tal-atti.

iffirmata minn Dr. Silvio Grixti (Primary Care Physician) bid-data tal-5 ta' Ġunju 2021[5].

Jirriżulta wkoll illi in segwitu għat-tieni applikazzjoni, l-imputata dehret quddiem Medical Panel kompost minn Dr. Taygeta Firman u Dr. Anthony Zahra, li fid-19 ta' Awwissu 2021 iċċertifika illi Marthese Sciberras taqa' fid-definizzjoni ta' persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' hydrocephalus (immarkat fil-paragrafu 'c' fl-ewwel faċċata tal-Medical Panel Report)[6].

Din it-tieni applikazzjoni ġiet approvata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u l-imputatat bdiet tirċievi l-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa b'effett mis-16 ta' Ġunju 2019 ġewwa l-kont bankarju tagħha ma' HSBC Bank Malta p.l.c. bin-numru 042131276050[7]. B'kollox, irċeviet il-ħlas ta' €13,853.84 bejn id-19 ta' Ġunju 2021 u s-16 ta' Ottubru 2023.

Madankollu, mill-provi jirriżulta li ċ-ċertifikat mediku allegatament maħruġ minn Dr. Stephanie Azzopardi u minn Dr. Norbert Vella, li kien ġie sottomess mat-tieni applikazzjoni u li fih ingħad li l-imputata tbati mill-kundizzjoni ta' hydrocephalus, kien falsifikat. Dr. Stephanie Azzopardi xehdet[8] illi ċ-ċertifikat bid-data tad-9 ta' April 2021 ma kitbitux u ma ħarġitux hi u la l-firma u lanqas in-numru tal-mobile phone jew l-indirizz tal-email li jidhru fiċ-ċertifikat ma jappartjenu lilha. Ikkonfermat ukoll li hija speċjalista fil-qasam ta' Family Medicine u qatt ma ħadmet fid-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar u ma tafx lanqas min hu Dr. Norbert Vella. Xehdet ukoll tabiba oħra bl-istess isem ta' Dr. Stephanie Azzopardi[9] li filwaqt li kkonfermat li kienet taħdem fid-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar bejn l-2012 u l-2020, fid-data taċ-ċertifikat, 9 ta' April 2021, ma kienetx għadha taħdem l-Isptar u f'kull każ iċ-ċertifikati kienet tiffirmahom hi stess mingħajr il-bżonn li jiġu kontro-firmati mill-

[5] Ara Dok. MB1, minn paġna 36 sa paġna 38 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[6] Rapport f'paġna 66 u 67 ta' Dok. MB2.
[7] Ara statements Dok. LA1.
[8] Xhieda tal-21 ta' Diċembru 2023.
[9] Xhieda tal-20 ta' Mejju 2024.

konsulent. Da parti tiegħu, Dr. Norbert Vella, li huwa konsulent newrologu fl-Isptar Mater Dei, b'riferenza għall-istess dokument, xehed illi ma ġiex magħmul minnu u għalkemm il-firma tixbaħ ħafna lill-firma tiegħu, ma kienx iffirma d-dokument. Żied ukoll jgħid li l-mod kifhu miktub id-dokument, inkluż il-kliem '*vertiginous headaches*', ma jagħmilx sens mediku, u għalhekk ma setax ġie miktub minn newrologu.

L-imputata Marthese Sciberras, fl-istqarrija li rrilaxxat meta kienet ġiet interrogata mill-Pulizija fit-22 ta' Settembru 2023, qalet li kienet ilha disa' snin tiela' u nieżla l-Isptar fuq diversi kundizzjonijiet fosthom il-fibromyalgia u bdiet tbati wkoll ħafna b'uġigħ ta' ras kontinwu u sturdamenti. Dr. Franco Camilleri kien irriferiha għand tabib l-Isptar biex tagħmel MRI scan għaliex ma kienx konvint li dawk is-sintomi kienu ta' fibromyalgia u b'kollox għamlet żewġ MRI scans. Mit-tieni MRI scan kien irriżulta li kellha ammont ta' ilma fir-ras u kienet ratha ċertu tabiba Aquilina. Marret għand Dr. Silvio Grixti biex tkun tista' tapplika biex tirċievi ħlas ta' assistenza minħabba l-kundizzjoni li kellha u bħalma kienet diġa' taf, kien ikkonferma li ma setgħetx tapplika minħabba l-kundizzjoni tal-fibromyalgia. Kienet urietlu r-riżultat tal-MRI scan u kien issuġġerilha tapplika minħabba kundizzjoni oħra li ma tiftakarx x'jisimha, u kien imlielha l-karti u tahomlha. Kienet għaddiet kollox, inkluż *statements* tal-kont bankarju tagħha, lill-kuġina ta' żewġha li taħdem fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u eventwalment irċeviet email b'konferma li l-applikazzjoni ġiet sottomessa. In segwitu irċeviet appuntament biex tidher quddiem Bord, fejn hemmhekk spjegatilhom li kien irriżulta li kellha ammont ta' likwidu f'rasha u li s-sintomi kienu qed jaffetwawlha ħajjitha negattivament. Stqarret ukoll li tħoss li hija tassew intitolata biex tirċievi assistenza għal diżabilita' severa minħabba l-kundizzjoni u l-uġigħ li għandha.

Marthese Sciberras għażlet ukoll li tieħu l-pedana tax-xhieda u quddiem il-Qorti xehdet illi hija tbati minn fibromyalgia li tikkaġuna ħafna uġigħ kif ukoll dipressjoni u ansjeta', u għandha wkoll xi kundizzjonijiet oħrajn mhux relatati. Bdiet tbati wkoll min uġigħ ta' ras. Dr. Franco Camilleri, li huwa t-tabib kuranti tagħha għall-

kundizzjoni tal-fibromyalgia, irriferiha għand tabiba oħra, Dr. Joseanne, biex isir MRI scan ta' rasha u in segwitu għamlet MRI ieħor bil-kulur, li kien iktar intensiv, biex jiġi konfermat ir-riżultat tal-ewwel scan. Għar-riżultat kien kellimha tabib mis-surgery li qalilha li għandha l-kanali kbar u hemm ċertu ammont ta' ilma u hemm ukoll xi tikek iżda qalilha li mhux ser isir surgery għalissa.

Xehdet ukoll li kienet ċemplet lis-servizzi governattivi fuq in-numru 153 fejn tawha parir biex tieħu l-formola tal-applikazzjoni għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa għand tabib biex jista' jiggwidaha dwar jekk hijiex eliġibbli biex tapplika għall-ħlas ta' dik l-assistenza. Billi ma kienux qalulha li trid tmur għand speċjalist, iddeċidiet li tmur għand Dr. Silvio Grixti, għaliex kien għadu jiftaħ klinika ġdida fl-istess lokalita' fejn tirrisjedi, ġewwa Wied il-Għajn, u kien jiftaħ ukoll nhar ta' Sibt. Meta marret għandu kienet ħadet magħha l-applikazzjoni vojta, *statements* tal-bank, il-karta tad-diżabilita' u ċ-ċertifikat tal-MRI, fost dokumenti oħrajn, u staqsietu jekk kienx hemm xi benefiċċju li tista' tapplika għalih. Meta t-tabib daħal fil-kompjuter biex jara l-informazzjoni medika tagħha, qalilha li tista' tapplika biex tibbenefika minn assistenza għal diżabilita' severa u kien ipprintja xi karti u kiteb xi ħaġa iżda ma tafx x'kiteb. Kien taha envelope b'dokumenti fih inkluż id-dokumenti li kienet ġabet hi stess u għaddiet kollox lill-kuġina ta' żewġha li taħdem fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Saħqet li ma kienetx taf x'kien hemm fl-envelope u ma kienetx fetħitu iżda l-MRI scan ma kienetx għaddietu lid-Dipartiment. Ma tafx għal liema kundizzjoni medika kien applikalha Dr. Grixti għaliex ma kienx qalilha, ħlief li għandha x'taqsam mal-problema li kellha f'rasha, u ma tafx x'inhi l-kundizzjoni ta' hydrocephalus.

Xehdet ukoll li in segwitu, ingħatat appuntament quddiem il-Bord fejn ma ħadet xejn magħha, lanqas iċ-ċertifikat iffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi u Dr. Norbert Vella. Hemmhekk spjegat lit-tobba tal-Bord li kienet għamlet MRI u qaltlihom x'kienu sabulha. Ikkonfermat li dawn it-tobba ma tafhomx u qatt ma marret għandhom. Ikkonfermat li għadha tmur għall-kura għand Dr. Franco Camilleri.

Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandu jiġi rilevat li l-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono ma kienx ingħata l-fakolta' jisma' x-xhieda bil-ġurament jew jieħu xi stqarrija mingħand l-imputata jew persuni oħrajn. Għalhekk, it-teħid mill-espert tal-verżjoni bil-ġurament tal-imputata ġewwa l-Isptar Mater Dei fit-13 ta' Mejju 2024, liema verzjoni ttieħdet mingħand l-imputata wkoll mingħajr assistenza legali u mingħajr ma ngħatat id-drittijiet legali l-oħra spettanti lilha skont il-liġi, sar bi ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi lil persuna akkużata inkluż id-dritt tagħha li tibqa' siekta, u wkoll bi ksur tar-regola fl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali li x-xhieda jiġu eżaminati quddiem il-qorti u *viva voce*. Għalhekk, ma tista' tagħti ebda piż lill-parti tar-relazzjoni Dok. AGD1 li fiha stqarrijiet tal-imputata bil-ġurament u sejra tiskartahom għall-fini tad-deliberazzjonijiet tagħha, ħlief safejn dawn jikkostitwixxu prova favur tagħha.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija b'żewġ kapi ta' falsifikazzjoni, taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz*

*ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-kopja taċ-ċertifikat allegatament maħruġ minn Dr. Stephanie Azzopardi u ffirmat ukoll minn Dr. Norbert Vella fid-9 ta' April 2021, hija falsifikata. Iż-żewġ tobba li t-tnejn jisimhom Dr. Stephanie Azzopardi, kienu kategoriċi fix-xhieda tagħhom illi ma kienux ħarġu ċ-ċertifikat in diżamina u ma kienux iffirmawh. Dr. Norbert Vella wkoll eskluda li kien iffirma ċ-ċertifikat u eskluda wkoll li seta' kien ġie ffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi. Magħdud dan il-fatt li l-perit mediku, fir-relazzjoni tiegħu, ikkonferma illi l-imputata ma tbati minn ebda kundizzjoni newroloġika, inkluż hydrocephalus. Dan id-dokument bid-data tad-9 ta' April 2021, li m'huwiex ġenwin u huwa falsifikat fl-essenza materjali tiegħu, jinsab fi u jifforma parti mill-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB1).

Madankollu, filwaqt li ġie ppruvat illi l-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fih l-imsemmi dokument falz, ma nġiebu ebda provi kwalsiasi mill-Prosekuzzjoni li juru li l-imputata, u mhux xi ħaddieħor, kitbet il-firem foloz jew kienet l-awtur tal-falsfikazzjoni, jew kellha xi sehem fit-tfassil u produzzjoni tad-dokument falz. Fir-rigward, l-imputata xehdet illi marret għand Dr. Silvio Grixti li kien ipprintja xi dokumenti mill-kompjuter tiegħu u tahomlha ġewwa envelope biex tgħaddihom lid-Dipartiment flimkien mal-applikazzjoni, u ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi din il-verżjoni.

Fir-rigward tar-rapport mediku mitkub u ffirmat minn Dr. Silvio Grixti li wkoll ġie sottomess lid-Dipartiment bħala parti mill-applikazzjoni tal-imputata, liema rapport iġib id-data tal-5 ta' Ġunju 2021, huwa evidenti li l-imputata m'hijiex l-awtriċi tad-dokument u ma jirriżultax mill-provi li hija assistiet fit-tfassil tad-dokument jew ipprovdiet hija stess it-tagħrif li ġie provdut fih. Għalhekk, anke f'każ li l-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova l-falzita' ideoloġika tar-rapport mediku għaliex

ikun fih tagħrif li huwa falz, l-imputata ma tista' qatt tinsab ħatja tar-reat ta' falsifikazzjoni tad-dokument billi ma ntwera bl-ebda mod li hija kellha x'taqsam.

Ma jirriżultax ippruvat sodisfaċjentement illi xi dokument ieħor minn dawk li jifformaw parti mill-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB1 u Dok. MB2) huwa falsifikat skont kif maħsub f'xi waħda mid-dispożizzjonijiet legali indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota għar-rinviju għall-ġudizzju.

**Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinsab ħatja li ffalsifikat xi dokument, wisq anqas xi dokument maħsub fl-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali, li dwarhom ġiet mixlija fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet: dan mingħajr qies tal-fatt illi f'kull każ, dokument konsistenti f'ċertifikat jew rapport mediku evidentement ma jissodisfax l-element materjali tax-xorta tad-dokument li dwaru huwa maħsub ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali**[10].

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifisha jew għal ħaddieħor.

Jeħtieġ għalhekk qabel xejn jiġi stabbilit f'liema dokumenti jirriżulta li saret xi stqarrija jew dikjarazzjoni mill-imputata jew li fih xi tagħrif falz.

Il-Qorti rat l-atti, u fost id-dokumenti kollha li jifformaw parti mill-file tagħha fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ma riskontrat ebda stqarrija jew dikjarazzjoni li saret mill-imputata nnifisha li huwa falz.

[10] Falsifikazzjoni ta' polza, ċedula jew dokumenti li meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas; u atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat.

Madankollu, iċ-ċertifikat falsifikat datat 9 ta' April 2021, maħruġ u ffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi u Dr. Norbert Grech, fejn jissemma l-kundizzjoni tal-hydrocephalus, għad li ma ġiex ippruvat li ġie fabbrikat jew falsifikat mill-imputata u lanqas ma jikkostitwixxi dikjarazzjoni jew stqarrija falza magħmula mill-istess imputata, kien fost id-dokumenti li jinsabu fil-file tagħha fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, u l-imputata nnifsiha stqarret li dan id-dokument kien fl-envelope li kien taha Dr. Silvio Grixti sabiex tgħaddih lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali flimkien mal-applikazzjoni. Dan id-dokument inġieb ukoll għall-attenzjoni tal-Medical Panel: l-imputata stqarret li dan id-dokument kien "*probabbilment mal-karti li tani hu nimmaġina, li tani hu* (b'riferenza għal Dr. Grixti)*, u mbagħad tajthom lil dik u applikatli*". Stqarret ukoll li min-naħa tagħha, kienet għaddiet lil Dr. Grixti "*... l-application, l-MRI kelli, u ... min-naħa tiegħi kelli nagħmel ... bank ... statements*". Dan ifisser li l-imputata tirrikonoxxi li ċ-ċertifikat kien tahulha Dr. Silvio Grixti: huwa evidenti mid-dikjarazzjonijiet tagħha li hi kienet taf eżattament x'dokumenti ħadet għand Dr. Grixti u x'dokumenti kienet żiedet mal-pakkett tad-dokumenti li kien taha fl-envelope biex tgħaddihom lid-Dipartiment. Tant hu hekk, qalet li żiedet *statement* tal-kont bankarju tagħha iżda mhux ukoll l-MRI scans, u tat kollox lill-kuġina ta' żewġha[11] biex jiġu proċessati, u f'ebda waqt matul l-interrogazzjoni ma qalet li ma kienetx fetħet l-envelope jew ma kienetx taf x'dokumenti kien hemm fih[12].

Iktar minn hekk, il-fatt li fl-istqarrija tagħha l-imputat iddikjarat li l-konsulent newrologu li kienet rat fl-Isptar kien kunjomha 'Aquilina', u l-fatt li mkien ma qalet li kienu tawha xi ċertifikat mediku mid-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar meta marret tagħmel l-MRI scans ta' rasha, fil-fehma tal-Qorti jagħtu x'jifhem li l-imputata kienet taf li ma kienetx ġiet eżaminata minn Dr. Stephanie Azzopardi jew Dr. Norbert Vella.

---

[11] Ċertu Angie, li taħdem fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

[12] Din l-allegazzjoni saret biss meta l-imputata ġiet mistoqsija mill-Qorti stess waqt ix-xhieda tagħha jekk kienetx fetħet l-enevelope.

Kollox magħdud, u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tqisx li tista' tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-imputata li ma kienetx fetħet l-envelope u ma kienetx taf x'dokumenti kien taha Dr. Grixti biex tippreżentahom lid-Dipartiment, u hija konvinta li l-imputata mhux biss kienet taf li d-dokument in diżamina kien ġie sottomess minnha id-Dipartiment, iżda wkoll li dak iċ-ċertifikat ma setax kien ġenwin.

Fir-rigward tar-r-rapport mediku li jidher li huwa ffirmat minn Dr. Silvio Grixti bid-data tal-5 ta' Ġunju 2021, jiġi osservat illi fl-imsemmija data ma kienx għadu sar it-tieni MRI scan li eskluda l-kundizzjoni ta' *aqueductal stenosis*. Madankollu, dan ir-rapport mediku ġie sottomess lid-Dipartiment flimkien mal-applikazzjoni fit-18 ta' Ġunju 2021, ċioe' <u>wara</u> li sar it-tieni MRI scan fl-14 ta' Ġunju 2021.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

L-imputata stqarret li hija marret għand Dr. Silvio Grixti bi skop speċifiku, ċioe' biex jiddetermina jekk hijiex eliġibbli għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa u sabiex jgħinha tikseb dan il-ħlas, u dan wara li l-applikazzjoni preċedenti tagħha bbażata fuq il-kundizzjoni tal-fibromyalgia, liema applikazzjoni kien fiha ċertifikat iffirmat mill-ispeċjalist Dr. Franco Camilleri, ġiet miċħuda. Stqarret li kienet uriet lil Dr. Silvio Grixti l-MRI scans[13] u xehdet li huwa kien qalilha li l-applikazzjoni kienet sejra tirriferi għall-kundizzjoni li kellha f'rasha u li dwarha kienu saru l-MRI scans. Jirriżulta li l-MRI scans kienu saru fuq talba ta' Dr. Franco Camilleri li huwa l-ispeċjalista li kien ilu jsegwi lill-imputata sa mill-2017 u baqgħet tmur għandu anke wara li saru l-MRI scans[14]. Mix-xhieda tiegħu l-Qorti fehmet illi għalkemm kien jittrattaha primarjament għall-kundizzjoni ta' fibromyalgia, huwa kien ben edott dwar ir-riżultati tal-MRI scans li saru lill-imputata fuq rakkomandazzjoni tiegħu, tant li xehed fid-dettall fir-rigward, anke billi fisser li l-iscans kienu wrew li l-imputata ma

[13] Hawnhekk l-imputata, fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tagħha, tagħti x'tifhem li kienet diġa' marret għat-tieni MRI scan (li sar fl-14 ta' Ġunju 2021) qabel marret għand Dr. Silvio Grixti.
[14] Dr. Franco Camilleri xehed ukoll illi l-imputata kellha appuntament ieħor miegħu xahar wara, fi Frar 2024.

kellhiex xi problemi partikolari u kienu fuq kollox eskludew li kellha xi djuq fil-kanal bejn ir-ras u l-ispina dorsali.

Dan kollu magħdud fil-fehma tal-Qorti jikkonvinċiha li l-imputata ma kienetx marret għand il-ispeċjalista tagħha Dr. Franco Camilleri iżda għand tabib ieħor – li lanqas kien speċjalist – biex jagħtiha parir dwar l-eliġibbilita' tagħha għall-assistenza għal diżabilita' severa, għaliex kienet taf li l-ispeċjalist tagħha kien konxju li l-problemi tal-uġigħ ta' ras u sturdamenti li kellha ma kienux ġejjin minn xi kundizzjoni li minħabba fiha setgħet tkun eliġibbli biex titqies bħala persuna severament disabilitata.

Jidher li l-imputata stenniet sakemm ħareġ ir-riżultat tat-tieni MRI scan qabel ippreżentat l-applikazzjoni, liema fatt għall-Qorti ifisser neċessarjament illi l-imputata kienet taf li l-applikazzjoni li sottomettiet lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, kien fih tagħrif falz dwar il-kundizzjoni ta' *aqueductal stenosis* deskritt minn Dr. Silvio Grixti fir-rapport mediku, għaliex sakemm ippreżentat l-applikazzjoni, il-kundizzjoni ta' aqueductal stenosis sadanittant kien ġie eskluż mir-riżultat tat-tieni MRI scan, liema riżultat Dr. Franco Camilleri kien edott bih. Dan il-fatt inissel inferenza li l-imputata kienet taf, meta ppreżentat l-applikazzjoni kontenenti rapport dwar kundizzjoni li in segwitu irriżulta li ma kellhiex, il-kundizzjoni ta' *aqueductal stenosis* li ġiet deskritta fir-rapport mediku.

Jekk għal mument kellu jitwemmen li l-imputata marret għand Dr. Silvio Grixti fil-5 ta' Ġunju 2021 (id-data tar-rapport mediku firmat minnu), u mhux wara li kien sar it-tieni MRI scan fl-14 ta' Ġunju 2021, dan ifisser li ma stennietx sabiex isirilha t-tieni MRI li seta' jeskludi l-kundizzjoni tal-*aqueductal stenosis,* iżda marret mill-ewwel għand *general practitioner* li mhux biss qatt ma marret għandu qabel, iżda evidentement, ma setax kien lanqas il-professjonist idoneu biex jikteb ir-rapport mediku aħseb u ara biex jagħtiha parir dwar kundizzjoni newroloġika potenzjali. L-imputata, sena qabel biss, kienet diġa' sottomettiet personalment applikazzjoni għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, b'ċertifikat tal-konsulent Dr. Franco Camilleri u għalhekk hi leġittima l-inferenza li kienet taf li kellha bżonn ċertifikat ta'

speċjalist dwar il-kundizzjoni li dwarha kellha ssir l-applikazzjoni.  Ma jirriżultax li l-imputata reġgħet marret għand Dr. Silvio Grixti biex taġġornah dwar ir-riżultat tat-tieni MRI scan tal-14 ta' Ġunju 2021 li eskluda s-suspett ta' hydrocephalus.  Kemm hu hekk, eskludiet dan hi stess fix-xhieda tagħha meta qalet li marret biss darba waħda għand Dr. Silvio Grixti, bil-għan speċifiku li jagħtiha parir dwar jekk hijiex eliġibbli biex tapplika għall-assistenza għal diżabilita' severa.

Fil-każ in diżamina, fejn l-imputata marret għand it-tabib Silvio Grixti darba waħda biss – u mhux għal skop ta' kura iżda biss biex jagħtiha parir dwar applikazzjoni għal diżabilita' severa - il-Qorti ma tirravviżax relazzjoni bejn pazzjent u tabib kuranti fejn il-pazzjent jafda fil-parir tat-tabib kuranti mingħajr ma jesiġi jew jikseb informazzjoni addizzjonali dwar id-dijanjosi tal-kundizzjoni jew l-għoti tat-trattament.

L-imputata xehdet illi ma marritx għand speċjalist iżda marret għand Dr Silvio Grixti, li huwa tabib tal-familja, biex jagħtiha parir dwar l-eliġibbilita' tagħha biex titqies bħala persuna severament disabilitata, għaliex il-persuna li tkellmet magħha meta ċemplet lis-servizzi governattivi, qaltilha biex tmur għand tabib u għalhekk ma ħassitx il-bżonn li tmur għand speċjalist.  Madankollu, il-Qorti tosserva illi l-imputata nnifisha stqarret li kienet niżżlet il-formola tal-SDA hi stess mis-sit elettroniku tal-gvern, f'liema formola hemm miktub espressament li r-rapport għandu jiġi ffirmat minn speċjalist ('Rapport ta' Speċjalista ta' Diżabilita' Severa') u għalhekk diffiċilment jista' jingħata affidabbilita' lill-asserzjoni li ma kienetx taf li r-rapport mediku kellu jinkiteb minn tabib speċjalist.

Il-Qorti tqis bħala suspettuż fih innifsu l-fatt li l-imputata ma marritx għand Dr. Franco Camilleri - li kien tabilħaqq l-ispeċjalist li kien talab li jsiru l-MRI scans fl-Isptar minħabba l-uġigħ li kien qed ikollha f'rasha - biex jikteb ir-rapport dwar il-kundizzjoni li minħabba fiha kellha tkun intitolata għall-ħlas ta' assistenza.  Jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Franco Camilleri li l-imputata baqgħet tmur għandu wara li marret għand Dr. Silvio Grixti tant li kellha appuntament miegħu fi Frar 2024.  Iktar minn hekk, jirriżulta li Dr. Franco Camilleri xehed li kien ra r-riżultati tal-MRI scans kollha

li saru lill-imputata, li jfisser li minkejja li kien qed ikun aġġornat dwar l-eżitu tat-testijiet li hu stess kien talab li jsiru. Minflok, marret għand tabib mhux speċjalist li qatt ma marret għandu u ma reġgħetx marret għandu sussegwentement.

Dr. Anthony Galea Debono, l-espert mediku ġudizzjarju, xehed fl-MRI scan li sar fuq l-imputata fl-20 ta' Diċembru 2019 ġie rapportat li seta' kien hemm possibbli hydrocephalus assoċjat ma' *aquaductal stenosis* u kien għalhekk li sar MRI scan ieħor fl-14 ta' Ġunju 2021 fejn intuża teknika speċjali biex jiġi konfermat jew eskluż il-presenza ta' aquaduct stenosis. Dan it-tieni scan fil-fatt kien eskluda li l-imputata kellha dik il-kundizzjoni ('*There is no evidence of aqueductal obstruction on CSF flows studies*')[15]. Xehed ukoll li mill-file tal-imputata fl-Isptar Mater Dei jirriżulta li l-imputata kienet rat newrologu meta sar it-tieni MRI scan. Dan kollu seħħ qabel l-imputata ssottomettiet l-applikazzjoni lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Dan kollu jnissel inferenza li l-imputata kienet taf, meta ppreżentat l-applikazzjoni kontenenti rapport dwar kundizzjoni li in segwitu irriżulta li ma kellhiex, il-kundizzjoni ta' *aqueductal stenosis* li ġiet deskritta fir-rapport mediku ta' Dr. Silvio Grixti.

Il-Qorti tistenna li jekk kif tikkontendi d-difiza, l-imputata kienet konvinta li tbati minn kundizzjoni f'rasha li tikkwalifika bħala diżabilita' severa, kienet tikseb ċertifikat mingħand l-istess tabib li kkonduċa l-MRI scans u li interpretalha r-riżultati tagħhom[16] biex tissottomettih lid-Dipartiment flimkien mad-dokumenti l-oħra mehmużin mal-applikazzjoni u in sostenn tal-kundizzjoni li dwarha saret l-applikazzjoni. Iżda *ex admissis* l-imputata la kisbet ċertifikat mingħand wieħed min-newrologi li eżaminawha fl-Isptar u wisq inqas ippreżentat lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali xi wieħed jew ieħor mill-MRI scans li sarulha ġewwa l-Isptar Mater Dei, minkejja li Dr. Silvio Grixti kiteb li "*the last MRI showed hydrocephalus*". Il-fatt li l-imputata ma pprovdietx lid-Dipartiment jew lill-Medical Panel ir-riżultati tal-MRI

[15] Ara paġna 220 tal-atti, parti minn Dok. AGD1.
[16] Waqt l-istqarrija l-imputata spjegat li kien sarilha t-tieni MRI li ddeskrivietu hekk: "*kien twil ... għax tawni l-liquid għaliex bdew jaraw tliet sport fir-ras u ... fit-tieni wieħed meta erġajt mort wara u kellimni tas-surgery qalli 'Jidher li hemm ammont ta' ilma fir-ras, hemm il-kanali kbar', qalli 'imma għalissa mhux ser nagħmlu surgery ... imma ħa jsir follow-up ieħor'*.

scans, senjatament it-tieni wieħed li eskluda l-kundizzjoni ta' acqueductal stenosis li hija indikattiva ta' hdrocephalus, ikompli jirrinforza l-inferenza li l-imputata kienet taf li ma kellha ebda kundizzjoni newroloġika li minħabba fiha kienet intitolata għal assistenza għal diżabilita' severa.

Huwa minnu li l-MRI scan li kien sar fl-20 ta' Diċembru 2019 wera li kien hemm suspett ta' *aqueductal stentosis*, iżda meta sar it-tieni MRI scan fl-14 ta' Ġunju 2021, qabel ġie sottomess l-applikazzjoni, dan kien eskluda li l-presenza ta' *acqueductal stenosis* li skont kif hemm miktub fir-rapport mediku ffirmat minn Dr. Silvio Grixti, ġiet assoċjata magħha l-kundizzjoni tal-hydrocephalus[17]. Dan għaliex ma nstabet ebda evidenza ta' *aqueductal obstruction* u l-Qorti kif diġa' ingħad qabel, tifhem li hija ħaġa naturali li l-imputata tkun ġiet mgħarrfa min-newrologu li kkonsultat fl-Isptar għall-fini tal-iscans in diżamina li l-kundizzjoni ta' *aqueductal stenosis* kienet ġiet eskluża. Fil-fatt, skont kif stqarret l-imputata stess, in-newrologu li rat l-Isptar ma kienx irrakkomanda li jittieħdu passi ulterjuri wara li kien sar it-tieni MRI scan u f'kull każ ma jirriżultax li sarilha xi intervent jew ingħatat xi mediċini għall-kundizzjoni ta' *ventriculomegaly* – stqarrija li ma tistax tfisser ħlief li ma kienetx kundizzjoni serja. Il-Qorti tifhem li biex persuna titqies bħala severament disabilitata, jinħtieġ li tkun tbati minn marda jew kundizzjoni medika li hija severa u li teħtieġ trattament jew kura.

Dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, inissel inferenza qawwija li l-imputata kienet taf li ma kienetx tbati mill-kundizzjoni deskritta minn Dr. Silvio Grixti fir-rapport mediku formanti parti mill-applikazzjoni u fiċ-ċertifikat li kien taha u konsegwentement kienet taf li kienet t-tagħrif mogħti fir-rapport mediku fl-applikazzjoni, ma kienx korrett jew minnu.

---

[17] L-espert mediku ġudizzjarju xehed illi ebda wieħed mill-MRI scans li saru lill-imputata ma wrew xi sinjal ta' "*raised intracranial pressure*" li huwa wieħed mill-manifestazzjonijiet ta' hydrocephalus u xehed ukoll illi fi kwalsiasi każ, meta eżamina lill-imputata ġie eskluż ukoll li kellha "*normal pressure hydrocephalus*".

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm l-imputata fl-istqarrija ddikjarat: "... *Wara dak* (it-tieni MRI scan)*, jiena mbagħad wara dak li tani l-karta tal-MRI ċemplit lil 153 tas-servizzi soċjali u saqsejtha .... 'Inkun nista' napplika?' ... Qaltli ... 'dik mur għand it-tabib' ... mort għand Dr. Grixti*."[18], din is-sekwenza ta' fatti jikkuntrasta mal-fatt illi Dr. Silvio Grixti kiteb id-data tal-5 ta' Ġunju 2021 fuq ir-rapport mediku, li jagħti x'jifhem li huwa kiteb ir-rapport mhux wara li kien sar it-tieni MRI scan, iżda qabel. Madankollu, miżmum ferm il-fatt li l-applikazzjoni ġiet sottomessa lid-Dipartiment fit-18 ta' Ġunju 2021, fir-rapport miktub minn Dr. Silvio Grixti bid-data tal-5 ta' Ġunju 2021, huwa semma "*the latest MRI*", li m'huwiex korrett għaliex sa dakinhar kien sar MRI scan wieħed biss. B'żieda ma' dan il-fatt illi fir-rapport mediku miktub minn Dr. Silvio Grixti allegatament fil-5 ta' Ġunju 2021, huwa jirreferi għal "*lesions in right temporal lobe*", li huwa l-istess kliem li intuża fir-rapport tat-tieni MRI scan[19] – dan inissel inferenza li l-imputata marret għand Dr. Silvio Grixti wara t-tieni MRI scan, fejn kienet ratha Dr. Joseanne Aquilina, kif del resto xehdet hi stess.

Għalhekk, tħares minn fejn tħares, l-applikazzjoni ppreżentat lid-Dipartiment għan-nom tal-imputata (li kienet tinkludi dokumenti mediċi li kienu mehmużin magħha) fiha tagħrif falz konsistenti f'dokumenti falsifikati, u kollox magħdud, il-Qorti hija fermement konvinta li l-imputata kienet taf tajjeb li kien hemm informazzjoni falza fl-applikazzjoni li mingħajrha l-applikazzjoni tagħha terġa' ma tiġix approvata, irrispettivament mill-konvinzjoni tagħha li tbati minn diżabilta' severa u jistħoqqilha assistenza.

In konklużjoni, għandu jingħad illi għalkemm Dr. Anthony Galea Debono, l-espert mediku ġudizzjarju, xehed quddiem il-Qorti li ma jaħsibx li l-imputata intenzjonalment għamlet xi ħaġa mhux f'postha, huwa ma kienx ingħata l-inkarigu biex jeżamina l-applikazzjoni li ġie sottomess mill-imputata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u fil-fatt, xehed li ma kienx ra r-rapport mediku ffirmat minn Dr.

[18] L-imputata tat l-istess verżjoni fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti.
[19] Ara Dok. AGD1, rapport mediku.

Silvio Grixti[20] jew iċ-ċertifikat li fih ingħad li l-imputata għanda hydrocephalus u kellu aċċess biss għall-file tagħha fl-Isptar Mater Dei[21].

Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9 inkluż l-element formali, huma sodisfatti, għaliex evidentement, l-applikazzjoni li ġie sottomess mill-imputata bil-għan li tikseb il-ħlas ta' benefiċċju konsistenti f'assistenza għal diżabilita' severa mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, awtorita' pubblika, kien fiha tagħrif li hija kienet taf li huwa falz.

Ikkunsidrat;

L-imputata ġiet mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 169 u r-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9.

L-ewwel wieħed jippunixxi kull min, inkluż uffiċjal jew impjegat pubbliku[22], xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9, ċioe': obbligazzjoni tal-Gvern ta' somom li jkunu ngħataw b'self lill-Gvern, il-ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern, ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern u l-ġira ta' obbligazzjoni vera tal-Gvern (art. 166); ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment pubbliku ieħor u l-ġira ta' ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veru (art. 167).

L-artikolu 184 tal-Kap. 9, imbagħad, jippunixxi kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. L-atti, kitbiet u skritturi foloz li jissemmew fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V (Dwar id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) huma dawk imsemmija fl-artikoli 179 sa 183 tal-Kodiċi Kriminali ċioe' dawk li jiġu falsifikati minn uffiċjal jew

[20] Paġna 38 tal-atti tal-kawża.
[21] Ara digriet tal-ħatra ta' Dr. Anthony Galea Debono.
[22] Art. 168 tal-Kap. 9.

impjegat pubbliku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu (art. 179); atti li jinbidlu fis-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom b'qerq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku meta dawk l-atti jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu (art. 180); kopji legali ta' skritturi li joħorġu minn taħt l-idejn ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku bis-saħħa tal-kariga tiegħu meta dawk l-iskritturi ma jkunux jeżistu (art. 182); u atti awtentiċi u pubbliċi jew skritturi kummerċjali jew ta' bank privat.

Id-dokumenti li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li huma falsifikati huma dawk li jinsabu fil-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali konsistenti fiċ-ċertifikat li jġib id-data tad-9 ta' April 2021, li jidher li ġie ffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi u Dr. Norbert Vella, liema dokument ġie ppruvat li ġie sottomess mal-applikazzjoni li saret f'isem l-imputata biex titqies bħala persuna gravement disabilitata. Ir-rapport mediku miktub minn Dr. Silvio Grixti wkoll jidher li fih tagħrif falz (falzita' ideoloġika), iżda jeżisti dubju dwar jekk dan inkiteb qabel jew wara t-tieni MRI scan li kien eskluda l-kundizzjoni ta' *acquesductal stenosis*.

Iżda fil-fehma tal-Qorti, ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jirrientra fid-definizzjoni ta' att, kitba jew skrittura li jiġi falsifikat minn impjegat jew uffiċjal pubbliku b'wieħed mill-mezzi maħsuba fid-dispożizzjonijiet tas-Sub Titolu II tat-Titolu V, u lanqas bħala waħda mill-karti msemmija fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali ma akkużax lill-imputata bir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9 li jinsab fid-dispożizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi (Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) u li jipotetizza r-reat tal-falsifikazzjoni ta' kull dokument ieħor mhux imsemmi fid-dispożizzjonijiet ta' qabel fl-istess Titolu V, u l-użu ta' kull dokument bħal dak. L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju india biss, għall-fini ta' ħtija għar-reati ta' falsifikazzjoni, ir-reati taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali.

Kif ingħad diġa', ċertifikat jew rapport mediku – li huwa l-uniku xorta ta' dokument li jidher li huwa falsifikat – ma jistax jitqies bħala xi dokument minn dawk imsemmija fl-artikolu 169 tal-Kap. 9 u lanqas fl-artikolu 184 tal-Kap. 9 u għaldaqstant l-imputata ma tistax tinsab ħatja tar-reati addebitati fit-tieni u fir-raba' imputazzjonijiet.

Il-ħames imputazzjoni ma tagħmilx sens in kwantu illi kif inhi mfassla, ma tirrispekkjax il-kliem ta' xi dispożizzjoni legali li jipotetizza reat kriminali u l-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod alternattiv, bir-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, **proprju ghax tkun giet ingannata**, volontarjament taghti xi haga lill-agent)."*

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe'

bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[23] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat.*" L-artikolu 308 innifsu jipprovdi eżempji konkreti ta' apparat estern jew artifizji li jikkostitwixxu l-ingann li jeħtieġ li jiġi ppruvat bħala wieħed mill-element materjali kostituttivi tar-reat ta' truffa, fosthom, l-użu ta' ismijiet foloz u ta' kwalifiċi foloz.

Irid jiġi ppruvat ukoll illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[24], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*"

---

[23] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

[24] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2016.

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiter**i deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.*"

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[25].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[26] taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene*) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti

---

[25] Fir-rigward ingħad:- "*... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

[26] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[27]. .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[28] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi proċesswali huwa stabbilit illi l-kopja taċ-ċertifikat falsifikat li ġġib id-data tad-9 ta' April 2021 jifforma parti mill-applikazzjoni li ġie sottomess mill-imputata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'rabta mat-talba tagħha għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.  Kif stabbilit diġa', l-imputata nnifisha stqarret li ċ-ċertifikat tad-9 ta' April 2021 kien fost id-dokument li kienu ngħatawlha minn Dr. Silvio Grixti ġewwa envelope biex tgħaddihom lid-Dipartiment mal-applikazzjoni tagħha.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li dawn id-dokumenti nġiebu a konjizzjoni tat-tobba fuq il-Medical Panel li evalwa din l-applikazzjoni, u l-istess Panel iddeċieda li jiċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabbilita' għaliex ġew żvijat bil-kopja taċ-ċertifikat falsifikat biex jemmen li l-imputata tbati mill-kundizzjoni ta' *hydrocephalus*.

[27] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.
[28] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

Kemm hu hekk, Dr. Taygeta Firman ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi d-deċiżjoni tal-Medical Panel li ċċertifika lill-imputata bħala persuna severament disabilitata "*ħadniha minħabba li rajna il-consultant certificate*" u li kieku ma l-Medical Panel ma kellux quddiemu ċertifikat ta' konsulent ma kienx jipproċessa l-applikazzjoni. L-istess xehed Dr. Anthony Zrinzo li kkonferma li ċ-ċertifikat iffirmat minn Dr. Stephanie Azzopardi u Dr. Norbert Vella (konsulent) kien ikun biżżejjed biex il-Medical Panel japprova l-applikazzjoni tal-imputata bħala persuna li għandha l-kundizzjoni ta' hydrocephalus. Dan iċ-ċertifikat huwa l-uniku wieħed fil-file tal-imputata li huwa ffirmat minn konsulent[29].

Fil-fatt, mhux kontestat illi l-applikazzjoni tal-imputata ġiet approvata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u li l-imputata bdiet tirċievi l-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa u mhux kontestat lanqas illi l-Medical Panel iċċertifikah bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' hydrocephalus imsemmija fil-paragrafu 'c' tar-rapport tal-istess Medical Panel[30].

Jikkonsegwi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-Medical Panel wasal għad-deċiżjoni biex jiċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata li tbati minn hydrocephalus, abbażi tal-kopja taċ-ċertifikat iffalsifikat li kellu quddiemu, li jġib id-data tad-9 ta' April 2021 u jidher li huwa maħruġ u ffirmat minnżewġ newrologi li kkonfermaw illi kien sar dijanjosi ta' karatteristiċi fiżiċi fil-pazzjenta, Marthese Sciberras, li huma assoċjati ma' hydrocephalus.

Għalkemm Dr. Norbert Vella xehed illi kien ikun minnufih ovvju għal newrologu li ċ-ċertifikat ma nkibitx minn newrologu, filwaqt li Dr. Stephanie Azzopardi kkonfermat li ma kienetx tiddesrkivi l-kundizzjoni bil-kliem li ntuża fl-applikazzjoni, ma kienx

---

[29] Dr. Silvio Grixti ma huwiex konsulent jew speċjalist iżda huwa '*Primary Care Physician*' u għalhekk l-Medical Panel ma setax jistrieħ għall-fini taċ-ċertifikazzjoni dwar il-kundizzjoni medika indikata fl-applikazzjoni tal-imputat, fuq id-dikjarazzjoni ffirmata minnu għaliex u ma setax lanqas jimla u jiffirma l-applikzzjoni fis-sezzjoni intestata '*Rapport tal-Ispeċjalista*".
[30] Ara paġna 24 u paġna 25 f'Dok. MB1.

hemm newrologu fost it-tobba fil-Medical Panel u għalhekk, ġaladarba ċ-ċertifikat juri li dan inħareġ minn żewġ speċjalisti fid-Dipartiment tan-Newroloġija fl-Isptar Mater Dei, ma jidhrix li kien hemm raġuni oġġettivament riskontrabbli l-għala l-panel mediku kellu jiddubita mill-veraċita' taċ-ċertifikat in diżamina.

Il-Qorti għaldaqstant hija tal-fehma illi ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-Medical Panel, fir-rapport tiegħu datat 19 ta' Awwissu 2021, iċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' hydrocephalus, għaliex ġie impressjonat u konsegwentement ingannat, biċ-ċertifikat falz allegatament maħruġ u ffirmat min-newrologi wieħed minnhom konsulent, fir-rigward tal-imputata, li fih ingħad li l-imputata għandha hydrocephalus, meta fil-fatt ġie konstatat li qatt ma kellha dik il-kundizzjoni iżda kellha kundizzjoni oħra msejħa *ventriculomegaly*, li madankollu m'hijiex fost il-kundizzjonijiet mediċi jew mard li minħabba fih persuna tista' titqies li hija gravament disabilitata.  F'dan id-dokument falsifikat jiffigura sfiq il-wiri ta' ħaġa b'oħra li kellu l-effett li jqanqal fil-Medical Panel it-twemmin fl-eżistenza ta' stat ta' fatt li ma jeżistix, u dan kif espressament maħsub fid-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 308 tal-Kap. 9.

Jirriżulta illi l-funzjoni tal-Medical Panel, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali b'rabta ma' applikazzjonjiet li jsiru lid-Dipartiment għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106(a) tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318).  Dan jiddisponi:

*"... jekk it-talba tkun għal ... Assistenza għal Disabilità Severa, ... id-Direttur għandu, qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, ħlief jekk it-talba ma tintlaqax minħabba f'kondizzjonijiet statutorji oħra, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba ma' persuna waħda jew iktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika magħżula minn fost panel ta' persuni maħtura mill-Ministru bil-għan li jagħtu parir dwar dawn il-każijiet, skont kif tkun teħtieġ in-natura tat-talba ..."*

Minn dan, u mix-xhieda ta' Martin Buhagiar, jirriżulta illi ċ-ċertifikazzjoni magħmula mill-Medical Panel ikkostitwixxa l-parir li ġie mogħti lid-Direttur qabel ta d-deċiżjoni dwar it-talba tal-imputat għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jikkostitwixxi prova konklussiva sija: (i) tar-rabta bejn l-aġent tar-reat, l-imputata Marthese Sciberras, u s-soġġett passiv tar-reat, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, li bil-parir mogħti lilu fir-rapport tal-Medical Panel tad-19 ta' Awwissu 2021, iddeċieda li japprova l-applikazzjoni tagħha u jibda jħallasha assistenza għal diżabilita' severa taħt l-artikolu 27(1) tal-Kap. 318 b'depożiti magħmula fil-kont bankarju tagħha, u sija wkoll (ii) prova konkreta tan-ness bejn l-ingann ipperpetrat mill-imputata bil-produzzjoni taċ-ċertifikat falz, u t-telf patromonjali għad-Dipartiment konsistenti fil-ħlasijiet tal-assistenza magħmula fis-somma komplessiva ta' €13,835.84[31].

Kif diġa' ġie stabbilit qabel, fil-konsiderazzjonijiet li saru riferibbilment għar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9, l-imputata aġixxiet bix-xjenza li kienet qed tipproduċi lill-Medical Panel u kwindi lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, in konnessjoni mat-talba tagħha għall-ħlas ta' assistenza soċjali, dokumenti mediċi li kien fihom tagħrif li ma kienx minnu, u konsegwentement huwa sodisfatt ukoll l-element formali tar-reat ta' frodi għaliex evidentement, l-imputata riedet tinganna lid-Dipartiment b'dokumenti ffirmati minn tobba li qatt ma marret għandhom biex tiġi eżaminata u dokumenti li kien fihom informazzjoni dwar kundizzjoni potenzjali li madanakollu kien diġa' ġie newtralizzat b'testijiet sussegwenti.

Għaldaqstant, l-imputata sejra tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-piena skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9 li jfisser illi ma tistax ukoll tinsab ħatja tar-reat minuri ta' frodi nnominata. Dan qed jingħad għaliex l-artikolu 309 jipotetizza reat li jiġi kommess meta l-aġent jagħmel qligħ **b'qerq ieħor mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti** u konsegwentement, iż-żewġ reati ingħataw b'mod alternattiv għal xulxin. Għalhekk, fuq dikjarazzjoni ta'

[31] Ara xhieda ta' Martin Buhagiar, 2023 u Dok. 5, formanti parti minn Dok. MB2 (paġna 74).

ħtija għar-reat ta' truffa, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru 8 taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi Dr. Anthony Galea Debono, l-espert ġudizzjarju, esprima l-fehma illi l-imputata ma tistax titqies li m'hijiex intitolata għal ebda benefiċċju sempliċement għaliex ma tbatix minn ebda marda newroloġika, għaliex filwaqt li m'għandha ebda forma ta' hydrocephalus, tbati minn ventriculomegaly li jfisser twessigħ tal-*ventricles* tal-moħħ liema kundizzjoni tikkaġunalha l-uġigħ f'rasha. Iżda għalkemm il-Qorti tqis li jista' jkun li l-imputata tbati minn kundizzjoni li jixraq li tkun fost il-mard u kundizzjonijiet statutorjament rikonoxxuti bħala diżabilita' severa, ma jfissirx li ma aġixxietx dolożament jew li ma kienetx taf li ċ-ċertifikat li ppreżentat lid-Dipartiment ma setax kien ġenwin. Madankollu, fl-istess ħin ħadet in konsiderazzjoni il-fedina penali netta tal-imputata u fiċ-ċirkostanzi tqis li piena karċerjarja ma tkunx waħda idonea. Tassew l-imputata tat tagħrif falz u qarrqet bid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali meta ppreżentat ċertifikat fasifikat li kienet taf li kien fost id-dokumenti li ġew sottomessi in sostenn tal-applikazzjoni tagħha iżda l-Qorti tħoss li l-imputata għandha bżonn, iktar minn piena punittiva, sanzjoni ta' natura riformattiva sabiex tifhem u tapprezza li għalkemm tbati minn uġigħ regolari f'rasha minħabba kundizzjoni fil-ventrikoli, uġigħ li jinterferixxi mal-attivitajiet ordinarji tagħha ma jħallihiex tgħix ħajja normali u taħdem għal ħinijiet twal, ma tistax tikseb dak li mhux dovut bl-użu ta' mezzi qarrieqa a skapitu ta' fondi pubbliċi. Tabilħaqq il-fatt li l-imputata tbati minn uġigħ kroniku li tinċidi negattivament fuq il-kwalita' tal-ħajja tagħha – fattur li ġie stabbilit ukoll mill-espert mediku li esprima l-fehma wkoll li għandha tkun intitolata għal benefiċċju għal mard sever – jikkostitwixxi r-raġuni speċjali u eċċezzjonali li minħabba fiha sejra tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 minkejja li r-reat ta' frodi huwa punibbli fil-każ in diżamina bi piena ta' priġunerija għal żmien izjed minn seba' snin iżda mhux iktar minn għaxar snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 310A(1)(b) tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura tar-reat u l-karattru tal-ħatja, tqis li ma jkunx spedjenti li tingħata piena u sejra għalhekk toħroġ ordni għal liberazzjoni kondizzjonata għaż-żmien massimu permess mil-liġi.

**Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni u wkoll tar-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali addebitat fit-tmien imputazzjoni, u filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali addebitati fl-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3 u 4, wara li rat l-artikoli 18, 188(1), 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil MARTHESE SCIBERRAS ħatja tas-sitt u seba' imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Billi l-imputata mhux qed tinsab ħatja ta' xi reat ta' falsifikazzjoni, il-Qorti mhux sejra tapplika l-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa kif maħsub fl-artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lil MARTHESE SCIBERRAS sabiex tħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u tlieta u ħamsin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€13,853.84) b'kumpens għad-danni sofferti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' frodi.**

**Din l-ordni tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja u d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja tħallas lir-Reġsitratur l-ispejjeż li ġew imħallsin lill-periti u esperti maħturin fil-proċeduri[32].**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[32] Dr. Anthony Galea Debono – Dok. AGD1.